# INTERVISTA

***Sandro Lateo u Joe Scicluna marru jaraw lil wieħed mill-aktar karattri magħrufa f'Għajnsielem, Mabbli Cauchi, u għamlulu din l-intervista.***

# Mabbli Cauchi

**M.** *X'tiftakar fi żmien tfulitek? Ir-raħal dak iż-żmien kif kien?*

**T.** L-ewwel li niftakar jien kont għadni abbati. Kelli xi ħames snin, iż-żmien meta poġġew l-ewwel ġebla tal-Knisja l-Ġdida. Flimkien ma' l-abbatini sħabi intfajna nneħħu l-ġebel. Dak iż-żmien kien hemm l-Isqof Gonzi. Meta beda l-bini, mbagħad, konna noqogħdu niġru mal-karrijiet li jġorru l-ġebel, b'ommijietna jiġru warajna u jgħajtu magħna peress li konna għadna żgħar.

Għaddejna minn żminijiet diffiċli - per eżempju fil-gwerra. Il-familja tiegħi konna noqogħdu ħdejn l-għassa. Dak in-nhar kelli 23 sena. Dak iż-żmien ma kelniex shelters u allura bil-lejl konna ninġabru ġol-knisja. Għadni niftakar kien kemm pulizija mill-Qala (Cefai). Kien Kemmuna u jien niftakar kont ngħidlu illi fuq il-knisja tar-raħal tagħna ma jitfax. Hu kien jistaqsini "U għaliex?" u jien kont ngħidlu, "Dak il-bdot li jgħaddi minn fuq il-knisja tagħna jgħid, 'Povera Chiesa senza cupola' u jgħid din diġa waqgħet allura għaliex naħli bomba oħra!"

**M.** *Xi ħaġa dwar is-sehem tiegħek fil-politika. Illum m'għadikx involut u tista' titkellem liberament. Meta bdejt il-ħajja politika?*

**T.** Minn dejjem kont dilettant tal-meetings u għadni niftakar kont għadni tfal u kont nattendi għalihom. Fl-1930 kien hawn jiddominaw fil-politika, Strickland u Mizzi u niftakar konna mmorru ngarawhom bil-ġebel! Konna nitilgħu fuq bejt hawn ħdejn il-knisja u ngarawhom! Jiena bdejt hekk - kien ġie Jones għalija għadni niftakar - dak iż-żmien kont fil-ħanut naqta' x-xagħar. Qalli, "Isma, trid toħroġ miegħi?" Dan kien fil-46, 47. Jien weġibtu, "Issa noħroġ? Mela tridni nieħu xi



**Mabbli flimkien mall-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami**

ċmajra!" Hu riedni pero noħroġ għall-elezzjoni - u hekk bdejt il-ħajja tiegħi fil-politika - nieħu sehem fil-meetings ecc. Dan kien fl-1947 u fis-sena ta' wara tlajt l-ewwel darba fil-parlament u domt sa l-1981.

**M.** *Għandek xi memorji ta' nies li kienu fil-politika dak iż-żmien u li ftit nafu dwarhom illum?*

**T.** Niftakar per eżempju lil Boffa li kien Prim Ministru dik il-ħabta, Jackie Frendo, li kien mar u tela' l-Kanada, Felice... Cole, li mar l-Awstralja - ħafna minn dawk li daħlu miegħi huma diġa mejta.

**M.** *Naħseb illi l-elezzjonijiet dawk iż-żminijiet kienu jkunu ferm differenti minn dik tal-lum.*

**T.** Naħseb li hemm differenti hu li dak iż-żmien ma kontx tmur tivvota lill-persuna iżda lill-partit. *Ridt nistaqsik fuq il-kampanja elettorali, żmien meta jsiru rallies u meetings ecc... per eżempju dak iż-żmien il-Prim Ministru kien jiġi Għawdex jitkellem?*

Għadni niftakar li Nerik Mizzi meta ħriġt l-ewwel darba ġie jagħmel meeting hawnhekk u jien li f'dik l-elezzjoni kont se noħroġ ma' Jones kelli n-nies tiegħi u għidtilhom biex meta jibdew jitkellmu mmorru hemm (u wrejthom għalqa). Allura meta bdew jitkellmu fil-meeting, in-nies preżenti ħadthom kollha f'din l-għalqa 'l bogħod mnejn kien qed isir il-meeting. Baqgħu isemmgħuhieli ħafna fil-parlament (qalilna bi tbissima Mabbli). Niftakar liż- "Żuż", wieħed mill-Hamrun. Kien jiġi ma' Mizzi bħala bodyguard, mhux għax kien iżomm ma' Mizzi, għaliex dan kien tip illi jżomm ma' kulħadd. Niftakar waħlu xi posters ta' Mizzi u billi kienet għadha kemm spiċċat il-gwerra, kont ħriġt b'sellum bil-lejl u pittirt bħal ajruplani jitfgħu il-balal fuq rasu. Niftakar lil Mizzi l-għada filgħodu jgħajjat, "Dak min għamilhom!?" Miegħu kien hemm iż- "Żuż" u dan qal, "Jekk inkun naf min, naqsmu tnejn!" Dak il-ħin mort staħbejt u sirt naf wara li Cefai, il-pulizija, li kien rani bil-lejl u li kien mistoqsi kienx jaf xi ħaġa wieġeb fin-negattiv.

**M.** *Nafu li għandek ħafna passatempji sbieħ u naħseb li llum dawk l-hena tiegħek u mhux il-politika.*

**T.** Jien minn dejjem dilettant ta' xi ħaġa. Bħalissa, minn xi tliet snin 'l hawn tfajtha fuq l-iskultura ta' l-għadam. Fihom ħafna xogħol - l-għadam iebes ħafna biex taħdmu. sa minn meta kelli għaxar snin kont innaqax il-ġebel. Interessanti kif jiġi ġo moħħi l-ħsieb li nibda xi ħaġa - per eżempju din ta' l-għadam - kont inkunu fil-kċina u nisma` lil marti, Stella, tgerger għaliex nofs lira kwart għadma.....



**Mabbli mal-President tar-Repubblika Dr. Censu Tabone.**



Mar-Reġina Elizabetta II u d-Duka ta' Edinburgh

u allura għidt, ha nivvinta xi ħaġa - bħalissa għandi mal-mitt biċċa. Kull min jiġi hawn irid xi souvenir minnhom!

**M.** *Int dilettant ukoll ta' l-antikitajiet, tbigħ, tixtri u tpartat dawn l-affarijiet.*

**T.** Affarijiet antiki taf kemm xtrajt? Mimli vapur. Dari, meta kont inkun Malta, meta kont għadni l-parlament, fil-ħin liberu tiegħi kont immur nixtri għamara anke mfarrka, wara xi bombardament mill-ajru. Jien dak li kont irrid, għamara diġa mfarrka, biex inkompli nkisser u mbagħad nirranġa. Dari, biċċa għamara anke jekk tal-kewba kienet tiġi miżbugħa. Min jaf kemm għamara ġiet mormija u kemm ġbart jien minn ħdejn il-forn. Fil-parlament sikwit kienu jitolbuni immur inġorr minn għandhom xi għamara għarrimi u kienu jkunu jridu jħallsuni għaliex neħlishom minn ingombru.

Niftakar li l-Kappillan Mizzi darba talabni ngħinu naħbilu kaxxa zokkor. Mort id-dar tiegħu u ddeċidejt li naħbihielu taħt artal. Kien hemm monument u ħloqt speċi ta' pedestal għalih taħt l-artal permezz ta' din il-kaxxa. F'dak il-ħin ġew xi nies ikellmuh. Waqt li niżel isfel qbadt ċappa zokkor u tfajtha f'ħalqi u meta tela', dritt wara sabni b'ħalqi mimli ma nistax ngħid kelma u hu qalli, "Tajjeb iz-zokkor!"

**M.** *Kif tqabbel Għajnsielem tal-lum m'Għajnsielem ta' dari?*

**T.** Għalija meta kont zgħir, minkejja li ma kien ikollna xejn, kien Għajnsielem sabiħ. Niftakar saħansitra tfal jieklu t-trab! Illum hawn x'tiekol kemm trid, pero narah isbaħ dak in-nhar.... la karozzi, la ħaġa u anqas oħra. Illum il-ħajja mgħaġġla wisq. Ċajta oħra ta' dak iż-żmien..... Niftakar meta kienu jagħmlu l-artal maġġuri tal-Knisja - kien wieħed taljan li ġie jpoġġih. Darba minnhom dan talab ftit "aglio" (tewm) u l-oħrajn li kien hemm miegħu ġabulu "oglio" (żejt) minflok. Darb' oħra talab "la mazzetta", u dawn bdew jiddiskutu ta' liema kulur.....

Dari nsomma kien isbaħ.

**M.** *Illum qegħdin nisimgħu ħafna illi huwa żmien il-pluraliżmu, li wieħed jesprimi liberament il-ħsibijiet tiegħu, ħaġa li qabel ftit li xejn kienet. Taħseb li Malta għaddejja minn żmien isbaħ jew aħjar fuq il-mod ta' kif il-poplu jħares lejn il-politika?*

**T.** Il-politika qabel kienet li l-politikanti kollha kien jaħbu lin-nies u ma jgħidulhom xejn. Issa llum ħaġa li togħġobni hi li qed nesprimu l-affarijiet sewwa. Dawk li fil-politika jħawdu ikunu ta' detriment għal kulħadd, għalihom bħala politikanti u għall-poplu. Dan anke fejn tidħol ir-reliġjon. Meta

nibdew naħbu l-affarijiet lil xulxin tidħol il-Mafia. Fil-politika b'mod speċjali hija mportanti t-trasparenza, li tgħid l-affarijiet kif inhuma. Mhux sewwa li l-affarijiet li nagħmlu aħna huma dejjem kollha sewwa u ta' l-oħrajn dejjem ħażin. Naħseb li hija tendenza li għadha tiddomina anke fi żmienna.

Meta kont nitkellem fil-parlament żewġ kelmiet kont ngħid u kont ngħidhom sewwa. Darba Borg Olivier meta tlajt l-ewwel darba, meta dħalt fil-parlament qal u kkummenta, "Issa għandna barbier magħna. Għandna min jaqtagħlna x-xagħar!" u jien għidtlu, "Xi darba nqaxxarulek!" Iż-żmien wasal meta ġie bżonni u kont pront weġibtu, "Rajt li ġejt bżonn il-pinzell tal-leħja!"

Boffa kien jeħodni niekol miegħu u meta darba kont qiegħed nirritorna lejn il-Belt, lix-xufier għidtlu biex il-bandiera fuq in-naħa ta' quddiem tal-karozza iħalliha fejn kienet. (Dan għaliex il-karozza kienet ta' Boffa li kien Prim Ministru). U għidtlu, "Billi nkun Prim Ministru għal ftit, sakemm nasal il-Belt?" Għall-bidu ma riedx, pero wara aċċetta. Trid tarani għaddej mill-Marsa u kulħadd isellem għax il-Prim Ministru għaddej! Fl-10.00 ta' bil-lejl, fil-lukanda fejn kont, irċivejt telefonata. Kien il-Prim Ministru u b'leħen għoli pjuttost irrabjat qalli, "Għada ejja l-ewwel ħaġa l-uffiċċju tiegħi." L-għada mort u sibtu jistennieni u ried jiblagħni. "Mela tiġi bil-bandiera fil-karozza tiegħi! Minħabba f'hekk lix-xufier keċċejtu." Dak iż-żmien fil-parlament kellna maġġoranza ta' wieħed biss, u jien irrispondejtu, "Int żomm il-bandiera għalik, għaliex jien sejjer lejn Għawdex!" "Tmur Għawdex?!" qalli. "U jekk tmur Għawdex naqqgħu!" U jien pront irrispondejtu, "Ajma xi Prim Ministru fik! Mela huwa jien il-Prim Ministru!"

*Sandro Lateo u Joe Scicluna*



**1966. Ir-Reġina u d-Duka flimkien mall-Grupp Parlamentari. Mabbli jidher immarkat bi vleġġa.**